# Il-Knisja Filjali ta' S. Rokku Ċentru ta' Devozzjoni lejn S. Rita f'Birkirkara

John Tonna



**Min Kienet Santa Rita**

Twieldet nhar it-22 ta' Mejju 1381 f'Rocca Porena, fir-reġjun tal-Umbria fl-Italja. Il-ġenituri tagħha kienu Antonio u Amata Mancini. Semmewha "Margarita" imma kienu jsejħulha "Rita".

Meta saret tfajla riedet tidħol mas-sorijiet Agostinjani ta' Cascia, imma kellha tieħu ħsieb il-ġenituri tagħha li kienu mdaħħlin fiż-żmien. Kif kien isir fl-imgħoddi, il-ġenituri tagħha stess irranġawlha biex tiżżewweġ lil wieħed li kien jismu Paolo Ferdinand. Dan iż-żwieġ seħħ meta Rita kellha tmintax-il sena.

Kellhom żewġt itfal subien li semmewhom Giangiacomo u Paolo. Għalkemm għall-ewwel kien beda tajjeb, iż-żwieġ ta' Rita u Paolo falla kien, l-aktar minħabba t-temperament aħrax ta' żewġha. Rita ma qatgħetx qalbha u baqgħet sakemm rebħet ir-raġel tagħha lejha u ġabet il-paċi fil-familja. Imma dik il-paċi ma damitx, għax ir-raġel safa maqtul, aktarx għal raġunijiet politiċi ta' dik il-ħabta.

It-tfal għalhekk kienu ħalfu li jivvendikaw il-mewt ta' missierhom imma Rita talbet lil Alla li aħjar jeħodhom milli jħallihom joqtlu lil ħaddieħor. Alla laqa' din it-talba iebsa tagħha u Rita spiċċat waħedha għal kollox.

Għalhekk hija kienet reġgħet bdiet taħseb fil-kunvent. Wara diffikultajiet kbar, daħlet soru Agostinjana. Il-ħajja tagħha fil-kunvent ukoll kienet mgħobbija bis-salib tal-ħajja tal-komunità, u b'ferita ħarxa fuq ġbinha, li damet fuqha ħmistax-il sena. Kienet Rita stess li kienet talbet lil Kristu jagħtiha waħda mix-xewk tal-kuruna li kellu f'rasu biex tbati miegħu. Mietet qaddisa fl-1457.